# IL-MENĦIR TA' ĦAL KIRKOP U LIL HINN MINNU
## *Bejn tagħrif u simboliżmu*

*kitba ta' Tarcisio Zarb B.A. (Hons), M.A., Dip.Ar*

**TAGĦRIF**

M'hemmx dubju li l-menħir nistgħu ngħidu li huwa sinonimu ma' Ħal Kirkop. Dan minkejja l-fatt li hawn Malta għandna diversi tipi ta' dawn l-istrutturi.

Il-kelma menħir tintuża biex tirreferi għal dak il-ġebel wieqaf li jaf żmenijiet arkeoloġiċi.

Ħafna huma tal-fehma li din il-kelma hija ta' oriġini Franċiża, sewwa sew mir-reġjun ta' Bretagne fi Franza. Din hija kelma komposta minn men li tfisser 'ġebla' u ħir li tfisser 'twila'. Tajjeb ngħidu li f'din in-naħa ta' Franza nsibu ħafna minn dawn l-istrutturi, għalkemm ma jixbħux wisq lil dawk ta' Malta.

Il-menħir ta' Ħal Kirkop huwa wieħed mill-aktar magħrufa f'pajjiżna. Jidher li dan il-monument ingħata l-għarfien uffiċjali fis-snin 1913-4, meta kien tniżżel fir-rapport annwali tad-Dipartiment tal-Mużewijiet ta' dak iż-żmien.

Ir-rapport jgħid li dan il-menħir diġà kellu xi ħsarat għaliex kien hemm min ipprova 'jirranġah'.

L-għoli ta' dan il-menħir kien ta' 3.20m, u għal kważi metru miegħu kien hemm ħajt tas-sejjieħ.

Għal xi żmien kien hemm salib fuqu, li m'għandniex xi ngħidu tqiegħed fuqu fi żmenijietna.

Dan is-salib madankollu wassal biex dan il-menħir isir magħruf bħala 'Is-Salib'.

Menħir ieħor insibuh fi triqitna lejn Kalafrana f'għalqa wara l-kappella ta' Sant'Anġlu. Dan il-menħir kien għoli madwar 3.35m.

L-aktar menħir magħruf f'Għawdex huwa dak li nsibu viċin l-iskola tal-Qala magħruf bħala l-Ħaġra l-Wieqfa. Din il-ġebla hija madwar 3.90 m. Sas-sena 1935 fuq din il-ġebla kien hemm statwa ta' San Ġużepp li kienet tneħħiet fuq ordni ta' l-awtoritajiet.



Il-menħir pre-istoriku li dwaru jittratta l-artiklu.

Ħafna jaħsbu li dan il-menħir huwa fdalijiet ta' xi tempji megalitiċi. Fil-fatt ħafna minn dan il-ġebel wieqaf xi minn daqqiet ikun meqjus deskritt bħala l-aħħar fdalijiet ta' dawn it-tempji.

Ta' min jgħid li kull meta kien sar xi tħaffir madwar dawn l-istrutturi prattikament qatt ma nstabu fdalijiet arkeoloġiċi.

Jista' jkun li dawn il-ġebliet kienu jagħmlu parti minn xi ritwal funerarju, fejn setgħu wkoll indifnu xi nies, iżda li minħabba li dawn kienu jkunu taħt ftit ħamrija, kollox jispiċċa malajr.

Jista' jkun ukoll li dawn setgħu kienu jirrappreżentaw xi alla. Tajjeb li wieħed jgħid li kemm il-Feniċi kif ukoll il-Griegi kienu jaduraw ġebel wieqaf. Dan it-tip ta' kult insibuh ukoll fil-Bibbja.

**SIMBOLIŻMU**

Dan it-tagħrif storiku huwa interessanti u jgħidilna ħafna dwar dan il-ġebel arkeoloġiku u mitiku li miegħu u madwaru hemm awra ta' mistiċità u kważi traxxendenza. L-element simboliku li jdawwar dawn l-istrutturi wieqfa jħarsu lejn is-sema għaldaqstant huwa qawwi. U għal min jagħraf jieqaf għal ftit biex jidħol fil-poetiċità leġġendarja, qadima, remota u li tmur lil hinn mill-istorja għandu għal dak il-waqt iċ-ċans li jinbaram mil-lirika.

Għaldaqstant dan ta' hawn taħt huwa attentat min-naħa tiegħi biex b'lingwaġġ li jiftiehem 'nintuwixxu' din ir-realtà



Fis-sena 1995 il-post fejn jinsab il-Menħir illum, ġie żviluppat u msebbaħ mill-Kunsill Lokali Kirkop.

qadima u remota ta' struttura wieqfa li tagħtik sens u awra ta' viġilanza.

Dan jgħodd b'mod speċjali għall-menħir ta' Ħal Kirkop li jokkupa qagħda 'strateġika' mhux biss ġeografikament f'termini ta' spazji fiżiċi, iżda forsi wkoll f'termini ta' spazji psikoloġiċi.

Jekk xejn dan il-menħir, b'mod speċjali għal min twieled f'dan l-imkien ta' Percopu 'jirradja' minnu ċertu sentimenti, qagħdiet ta' ruħ, perċezzjonijiet, *'forma mentis'* u sens ta' xi ħaġa li wieħed jaqsam mal-bqija tal-komunità li jagħmel parti minnha.

Għalhekk lil hinn mill-aspett fiżiku ta' din il-ġebla wieqfa hemm wirt li jappartjeni għal kull min twieled jew għex f'dan ir-raħal.

Dan is-sens jidher sewwa sew mill-interess u l-indukrar li jsir lil dan il-menħir, kif ukoll fis-sens ta' koeżjoni li dan is-simbolu 'ambigwu' ta lil din il-komunità li nafuha bħala koppin.

Il-Menħir għalhekk jinsab, forsi x'imkien hemm isfel fl-inkonxju kollettiv ta' l-istess 'indiġeni', li fit-tifsiliet ta' l-imġibiet tagħhom tal-ħajja ta' kuljum, għandhom/għandna mnejn ma jindunawx, iżda minkejja dan in-nuqqas ta' konxjożità l-menħir jibqà hemm wieqaf mhux biss bħala struttura li taqà taħt l-għajnejn fiżiċi tagħna, iżda u forsi wisq aktar fl-istruttura tal-qiegħ ta' l-għajnejn intimi ta' ġo fina. Għax wara kollox dak li l-aktar jgħodd mhuwiex wisq dak li naraw b'għajnejna u jibqà hemm, iżda dak li ninterjorizzaw u nagħmlu parti mill-psike tagħna.

Din ix-xewqa ta' interjorizazzjoni ta' dan il-"mit" ta' menħir tidher aktar ċara għall-mod kif kulturi sussegwenti ppruvaw huma wkoll 'jenkulturizzaw' lil din l-istess struttura biex b'hekk iħossuhom aktar li tappartjeni għalihom/għalina, kif rajna sewwa sew mis-salib li tqiegħed fuq din l-istess struttura u l-istatwa ta' San Ġużepp li tqiegħdet fuq il-ġebla l-wieqfa tal-Qala.

Dan kollu mela jurina li lil hinn minn kull aċċident storiku, il-menħir jgħidilna storja, storja li tirradja l-poeżija tal-mitiċità, tar-remot, tad-deżolat, ta' l-antik, tal-misterjuż, tat-traxxendenti, tax-xewqa ta' l-għaqda tal-bniedem ma' dak li jittraxxendi l-fiżiku u l-immedjat.

Fi żmien ta' konsumeriżmu għalhekk ma nagħmlux ħażin jekk anke 'sempliċiment' ġebla wieqfa nħalluha tagħmel hija wkoll il-miraklu tal-metamorfożi tas-simboliżmu u permezz tas-simboliżmu nħalluha tagħtina viżjoni aktar sħiħa u awtentika tar-realtà reali ta' ġo fina.

Huwa forsi dan li nsibu f'din il-poeżija:

Għax għandek inti wkoll il-għanja tiegħek

Hawnhekk, fejn il-megalit griż jieqaf itiegħem
l-etern qalb il-ward tax-xemx, sardinell,
gremxul jixxemmex...

Hawnhekk fejn il-pal tal-bajtar jintqanżaħ jiżżerżaq
mal-ħitan xehbiena tas-sejjieħ, u t-tina tfaqqas ruħha
fit-tin tagħha ...

Hawnhekk fejn it-tokki ta' tempju qadim
għadu jiġbrok,
is-skiet ikennek bħal omm fi ħdanu
u x-xgħir dehbien jixxiegħer.

Stenbaħ u ieqaf.
Għax taħt il-ħorn tat-trakkijiet,
it-trab ta' barririetek,
il-pass qerried tal-bini,
għandu huwa wkoll il-għanja tiegħu
Ħal Kirkop tiegħek.

U ftakar li sabiħa l-għanja li tisma',
'ma dik li ma nstemgħetx hi isbaħ.
Għalhekk, betbut ċkejken doqq.
Mhux wisq għal din widinti,
daqskemm għal ruħi siekta.